*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 14,685, 4 ta' Diċembru, 1986*
*Taqsima C*

# Nru. 166

4. 12. 86

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament u moqri għall-Ewwel darba fis-seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 1986.

**ATT għar-ratifika ta' Ftehim dwar id-Delimitazzjoni tal-Blata Kontinentali bejn ir-Repubblika ta' Malta u l-Kbira Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari u Soċjalista.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Senior Deputy Prime Minister and Minister of Justice and Parliamentary Affairs and read the First time at the Sitting of the 1st December, 1986.

**AN ACT to ratify an Agreement delimiting an area of the Continental shelf between the Republic of Malta and the Great Socialist People's Libyan Arab Jamahiriya.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Acting Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI
msejjaħ

*ATT għar-ratifika ta' Ftehim dwar id-Delimitazzjoni tal-Blata Kontinentali bejn ir-Repubblika ta' Malta u l-Kbira Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari u Soċjalista.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:–

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 dwar ir-Ratifika tad-Delimitazzjoni tal-Blata Kontinentali bejn Malta u l-Libja. Titolu fil-qosor.

2. Il-Ftehim bejn ir-Repubblika ta' Malta u l-Kbira Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari u Soċjalista li jġib fis-seħħ Artiklu III tal-Ftehim Speċjali u s-Sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, iffirmat fl-10 ta' Novembru, 1986 u li kopja tiegħu qegħda fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att, qiegħed jiġi b'dan ratifikat u l-bdil tad-dokumenti ta' ratifika dwar dak il-Ftehim għall-għanijiet ta' l-Artikolu 4 tiegħu qiegħed jiġi b'dan awtorizzat. Ratifika ta' Ftehim.

(Artikolu 2) SKEDA

FTEHIM
bejn
IR-REPUBBLIKA TA' MALTA
u
L-KBIRA ĠEMAHIRIJA GĦARBIJA LIBJANA
POPOLARI U SOĊJALISTA
li jġib fis-seħħ
ARTIKOLU III TAL-FTEHIM SPEĊJALI
u
S-SENTENZA TAL-QORTI INTERNAZZJONALI TAL-ĠUSTIZZJA

Il-Kbira Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari u Soċjalista u r-Repubblika ta' Malta.

Billi jixtiequ jġibu fis-seħħ l-Artikolu III tal-Ftehim Speċjali iffirmat bejn iż-żewġ pajjiżi fl-24 Jumada Al-Ula, 1396, korrispondenti għat-23 ta' Mejju, 1976, u s-Sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja mogħtija fit-3 ta' Ġunju, 1985 fil-każ dwar il-Blata Kontinentali, Ġemahirija Għarbija Libjana/Malta.

Jiftehmu kif ġej:

**Artiklu 1**

Id-delimitazzjoni tal-Blata Kontinentali appartenenti lill-Kbira Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari u Soċjalista u lir-Repubblika ta' Malta rispettivament ġewwa l-meridjani 13° 50′ lvant u 15° 10′ lvant għandhom ikunu arki ta' ċrieki kbar bejn il-ponti li ġejjin fis-sekwenza mogħtija hawn taħt:–

| | *Latitudni Tramuntata* | *Lonġitudni Lvant* |
|---|---|---|
| Pont 1 | 34° 40′ 46″ T | 13° 50′ 00″ L |
| Pont 2 | 34° 40′ 10″ T | 13° 52′ 31″ L |
| Pont 3 | 34° 39′ 16″ T | 13° 56′ 09″ L |
| Pont 4 | 34° 37′ 11″ T | 14° 04′ 15″ L |
| Pont 5 | 34° 37′ 02″ T | 14° 05′ 14″ L |
| Pont 6 | 34° 35′ 20″ T | 14° 15′ 37″ L |
| Pont 7 | 34° 34′ 07″ T | 14° 23′ 54″ L |
| Pont 8 | 34° 33′ 07″ T | 14° 31′ 29″ L |
| Pont 9 | 34° 32′ 18″ T | 14° 37′ 24″ L |
| Pont 10 | 34° 31′ 20″ T | 14° 49′ 07″ L |
| Pont 11 | 34° 29′ 53″ T | 15° 10′ 00″ L |

Il-pożizzjoni tal-ponti f'dan l-Artiklu huma definiti b'latitudni u lonġitudni skond *European Datum.*

**Artiklu 2**

Għall-finijiet illustrativi biss il-linja ta' konfini definita bil-ponti kardinali indikati fl-Artiklu 1 hija murija fl-*Admiralty Chart* Numru 176 Skala 1: 1,100,000 f'latitudni 39° 00′ ippublikata minn Taunton, 31 ta' Ottubru, 1969, li hija annessa mal-Ftehim u tifforma parti integrali miegħu.

**Artiklu 3**

Jekk jiġi stabbilit li r-riżorsi naturali f'qiegħ il-baħar jew taħt l-art tiegħu jestendu fuq iż-żewġ naħat tal-konfini tal-Blata Kontinentali, kif definita fil-Ftehim, b'mod li r-riżorsi li jinsabu fl-area tal-Blata Kontinentali ta' waħda mill-Partijiet jistgħu jiġu sfruttati, kollha jew in parti, mill-area tal-Blata Kontinentali tal-Parti l-oħra, l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ pajjiżi għandhom jieħdu ħsieb li jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jiddeterminaw il-mod kif dawn ir-riżorsi għandhom jiġu sfruttati.

**Artiklu 4**

Dan il-Ftehim jibda jseħħ immedjatament mad-data tal-bdil tad-dokumenti ta' ratifika.

MAGĦMUL f'Valletta fis-7 Rabia el Ewwel 1396 li tikkorrispondi għall-10 ta' Novembru, 1986 f'żewġ oriġinali fl-ilsien Għarbi u fl-ilsien Ingliż, iż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

Alex Sceberras Trigona
GĦAR-REPUBBLIKA TA' MALTA

Hassan Abdulati El Barghati
GĦALL-KBIRA ĠEMAHIRIJA GĦARBIJA LIBJANA POPOLARI SOĊJALISTA

(Annex mal-Ftehim)

Mappa ta' l-Ammiraljat Numru 176




*Ponti Kardinali*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pont | 1 | 34° 40' 46" T | 13° 50' 00" L |
| Pont | 2 | 34° 40' 10" T | 13° 52' 31" L |
| Pont | 3 | 34° 39' 16" T | 13° 56' 09" L |
| Pont | 4 | 34° 37' 11" T | 14° 04' 15" L |
| Pont | 5 | 34° 37' 02" T | 14° 05' 14" L |
| Pont | 6 | 34° 35' 20" T | 14° 15' 37" L |
| Pont | 7 | 34° 34' 07" T | 14° 23' 54" L |
| Pont | 8 | 34° 33' 07" T | 14° 31' 29" L |
| Pont | 9 | 34° 32' 18" T | 14° 37' 24" L |
| Pont | 10 | 34° 31' 20" T | 14° 49' 07" L |
| Pont | 11 | 34° 29' 53" T | 15° 10' 00" L |

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa biex jiġi pprezentat lill-Parlament għar-ratifika l-Ftehim bejn Malta u l-Libja li jiddelimita l-area tal-Blata Kontinentali bejn iż-żewġ pajjiżi li dwarha l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tat sentenza fit-3 ta' Ġunju, 1985.

## A BILL
### entitled

*AN ACT to ratify an Agreement delimiting an area of the Continental shelf between the Republic of Malta and the Great Socialist People's Libyan Arab Jamahiriya.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:–

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Malta-Libya Continental Shelf Delimitation (Ratification) Act, 1986.

Ratification of Agreement

**2.** The Agreement between the Republic of Malta and the Great Socialist People's Libyan Arab Jamahiriya implementing Article III of the Special Agreement and the Judgement of the International Court of Justice, signed on 10th November, 1986 and a copy of which is contained in the Schedule to this Act, is hereby ratified and authority is hereby given for the exchange of the instruments of ratification relative to the said Agreement for the purposes of Article 4 thereof.

(Section 2) SCHEDULE

AGREEMENT
between
THE REPUBLIC OF MALTA
and
THE GREAT SOCIALIST PEOPLE'S LIBYAN ARAB JAMAHARIYA
implementing
ARTICLE III OF THE SPECIAL AGREEMENT
and
THE JUDGEMENT OF THE INTERNATIONAL COURT OF JUSTICE

The Great Socialist People's Libyan Arab Jamahariya and the Republic of Malta.

Desiring to implement Article III of the Special Agreement signed between the two countries on 24 Jumada Al-Ula, 1396, corresponding to 23rd May, 1976, and the judgement of the International Court of Justice rendered on 3rd June, 1985, in the case concerning the Continental Shelf, Libyan Arab Jamahariya/Malta.

Have agreed as follows:

**Article 1**

The delimitation of the area of continental shelf appertaining to the Great Socialist People's Libyan Arab Jamahariya and to the Republic of Malta respectively within the meridians 13° 50′ east and 15° 10′ east shall be arcs of great circles between the following points in the sequence given below:–

| | *Latitude North* | *Longitude East* |
|---|---|---|
| Point 1 | 34° 40′ 46″ N | 13° 50′ 00″ E |
| Point 2 | 34° 40′ 10″ N | 13° 52′ 31″ E |
| Point 3 | 34° 39′ 16″ N | 13° 56′ 09″ E |
| Point 4 | 34° 37′ 11″ N | 14° 04′ 15″ E |
| Point 5 | 34° 37′ 02″ N | 14° 05′ 14″ E |
| Point 6 | 34° 35′ 20″ N | 14° 15′ 37″ E |
| Point 7 | 34° 34′ 07″ N | 14° 23′ 54″ E |
| Point 8 | 34° 33′ 07″ N | 14° 31′ 29″ E |
| Point 9 | 34° 32′ 18″ N | 14° 37′ 24″ E |
| Point 10 | 34° 31′ 20″ N | 14° 49′ 07″ E |
| Point 11 | 34° 29′ 53″ N | 15° 10′ 00″ E |

The position of the points in this Article are defined by latitude and longitude on European Datum.

**Article 2**

For illustrative purposes only the boundary line defined by the coordinates indicated in Article 1 above is depicted on the Admiralty Chart No. 176 Scale 1: 1,100,000 at latitude 39° 00′ published by Taunton, 31st October 1969, which is annexed to and forms an integral part of this agreement.

### Article 3

If it is established that natural resources on the seabed or in its subsoil extend on both sides of the continental shelf boundary, as defined in this Agreement, in such a way that resources situated in the area of continental shelf of one Party are exploitable, wholly or in part, from the area of continental shelf of the other Party, the competent authorities of the two countries shall undertake to consult with each other with a view to determining the manner in which these resources are to be exploited.

### Article 4

This Agreement shall enter into force on the date of the exchange of instruments of ratification.

DONE at Valletta, on 7 Rabia el Ewwel 1396 corresponding to 10 November 1986 in duplicate, in the Arabic and English languages, both texts being equally authentic.

| | |
|---|---|
| Alex Sceberras Trigona | Hassan Abdulati El Barghati |
| FOR THE REPUBLIC OF MALTA | FOR THE GREAT SOCIALIST PEOPLE'S LIBYAN ARAB JAMAHARIYA |

(Annex to Agreement)
Admiralty Map No. 176



## Objects and Reasons

The Object of the Bill is to present to Parliament for ratification the agreement between Malta and Libya delimiting the area of the Continental Shelf between the two countries in respect of which judgement was given by the International Court of Justice on 3rd June 1985.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni - Kastilja — *Published by the Department of Information - Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 4c - *Price 4c*